MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2013

Numru 305/2006

Il-Pulizija
(Supretendent Stephen Gatt)

vs

Josef sive Joseph Sharfid

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 392375M akkuzat talli gewwa s-‘Sundown Court’, il-Kappara, San Gwann, ghal habta ta’ ftit qabel is-6.00p.m.:

a. ikkommetta serq ta’ oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jammonta ghal aktar minn mitt Lira Maltin izda anqas minn elf Lira Maltin u bil-lok, u dan a detriment ta’ Krista Tabone u Albert Tabone;

b. fl-istess lok, jum u cirkostanzi garr u kellu fil-pussesss tieghu arma li taqta’ u bil-ponta minghajr ma’ kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

c. fl-istess lok, jum u cirkostanzi f’Malta, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg gejjin minn serq u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. fl-istess lok, jum u cirkostanzi saq mutur BBM753 tal-ghamla Piaggio minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq;
e. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi saq l-imsemmi mutur minghajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;
f. fl-istess lok, jum u cirkostanzi minghajr ma’ kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja specifika biex isuq mutur BBM753, saq dan il-mutur;
g. fl-istess lok, hin u cirkostanzi rrenda ruhhu recediv b’diversi sentenzi moghtija tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija, Josef sive Joseph Sharfid, jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-provi juru inkontestabbilment li l-imputat ghandu jinstab hati tar-reati lilu addebitati hlief ghat-tielet wahda, ossija dik li tipotizza r-ricettazjoni - akkuza in alternattiva ghal dik ta’ serq. Jirrizulta wisq car li fil-gurnata u hin l-imputat kien twaqqaf mill-pulizja, fuq rapport li kien wasslilhom, fl-ambjenti tas-‘Sundown Court’ il-Kappara, fejn kienet

twettqet serqa minn wiehed mill-appartamenti senjatament dak li fih kienu jirrisjedu Albert Tabone u bintu. Ix-xhieda tal-pulizija, li kienu marru fuq il-post u waqfu lill-imputat, li dak il-hin kien qieghed isuq mutur tal-marka ‘Piaggio’, hija skjaccanti biex waheda tinkolpa lill-imputat. Fil-kuntest ta’ din il-kawza tassumi rilevanza wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Mill-bqija tirrizulta r-recediva u l-addebiti konnessi mal-mutur li ma kienx licenzjat biex jinstaq fit-triq, kif effettivament kien qieghed jinstaq meta l-imputat ma kellux licenzja biex isuqu, u lanqas li kien kopert b’polizza ta’ assikurazzjoni.

Intant, ir-reat jirrisali ghas-sena 2006, izda mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa gia’ kellu precedenti, anke ta’ serq, u minhabba f’hekk kien ghamel zmien, mhux qasir, il-habs. Madanakollu, l-Qorti mhiex tal-fehma li ghal dan l-odjern reat ta’ serq timponi piena ta’ prigunerija filwaqt li ghar-reati konnessi tista’ tapplika l-piena ta’ multa, haga li hi prekluza li taghmel fir-rigward s-serqa. Fil-kuntest ta’ din il-Qorti ser tapplika r-rakkomandazzjoni tal-ufficjal tal-probation, minnha nominat, u, konsiderat li r-refurtiva giet irkuprata, ser takkorda opportunita’ lill-imputat li jistrada ruhu fuq it-triq it-tajba stante li konvinta mill-potenzjalita’ tieghu li dan iwettqu ghat-tajjeb tieghu u tas-socjeta’.

Ghaldaqstant u filwaqt li tiddikjara u ssib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha, hlief ghat-tielet, wara li rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(a), 49, 50 u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1A) tal-Kap 65, l-Artikolu 13 tal-Kap 66 (il-ligi applikabbli dak iz-zmien), l-Artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap 104 tikkundannah sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------